

31994D0982

L 378/5

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

31.12.1994

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****tat-22 ta' Diċembru 1994**

**dwar il-konklużjoni tat-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Ewropew bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim Temporanju dwar il-kummerċ u affarijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, min-naħa l-waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra**

(94/982/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

*Artikolu 2*

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 228 tiegħu <sup>(1)</sup> tiegħu,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li ntlàħqu f'Essen fid-9 u l-10 ta' Diċembru 1994,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi l-Kummissjoni innegozjat f'isem il-Komunitajiet it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Temporanju <sup>(2)</sup> dwar il-kummerċ u affarijiet relatati mal-kummerċ u għall-Ftehim ta' l-Ewropa mar-Rumanija,

Billi hu meħtieġ li jiġi approvat it-Tieni Protokoll Addizzjonali,

Dispożizzjonijiet dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 3 tat-Tieni Protokoll Addizzjonali dwar prodotti agrikoli li jaqgħu taħt l-Anness II tat-Trattat u li jkunu suġġetti, fil-qafas ta' l-organizzazzjoni tas-suq komuni għal sistema ta' imposti, jew ta' dazji tad-dwana, u dwar prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet 0711 90 40, 2003 10 20 u 2003 10 30 għandhom jiġu adottati skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 26 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u prodotti tal-ħalib (1), jew fid-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' Regolamenti oħra li jstabilixxu organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli. Meta l-applikazzjoni tal-Ftehim titlob kooperazzjoni fil-qrib mar-Rumanija, il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura din il-kooperazzjoni.

*Artikolu 3*

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Il-President tal-Kunsill hu hawnhekk awtorizzat li jinnomina persuna bis-setgħa li tiffirma t-Tieni Protokoll Addizzjonali f'isem il-Komunità Ewropea.

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 9 tat-Tieni Protokoll Addizzjonali f'isem il-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1994.

*F'isem il-Kunsill**Il-President*

H. SEEHOFER

*Artikolu 1*

It-Tieni Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim Ewropew bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim Temporanju dwar il-kummerċ u affarijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, min-naħa l-waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, hu hawnhekk approvat f'isem il-Komunità Ewropea.

It-test tat-Tieni Protokoll Adizzjonali hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 81, tat-2.4.1993, p. 2.

<sup>(2)</sup> ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1880/94 (ĠU L 197, tat-30.7.1994, p. 21).